

31985R2600

17.9.1985

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 248/9

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2600/85
tas-16 ta' Settembru 1985**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 890/78 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għaċ-ċertifikazzjoni tal-ħops

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1696/71 tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħops ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar bl-Att tas-Sħubija tal-Greċja, u b'mod partikolari b'Artikolu 2 (5) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 890/78 ⁽²⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1979/83 ⁽³⁾, jistabbilixxi l-ħtiġiet minimi għall-kummerċ tal-ħops; billi dawn il-ħtiġiet jinkludu, fir-rigward ta' ħops mhux preparat, livell massimu ta' batterji;

Billi l-prattika kummerċjali turi li l-kwalità tal-ħops mhix ġeneralment milquta mill-proporzjon ta' batterji; billi, għalhekk, din il-ħtieġa tal-kummerċ tista' titneħħa;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv għall-Hops,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Annessi I u II tar-Regolament (KEE) Nru 890/78 huma emendati b'mod konformi ma' l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu japplika għall-ħops mill-prodott ta' l-1985 u dawk ta' wara.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 16 ta' Settembru 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESEN

Viċi-President

⁽¹⁾ ĠU Nru L 175, 4. 8. 1971, p. 1.

⁽²⁾ ĠU Nru L 117, 29. 4. 1978, p. 43.

⁽³⁾ ĠU Nru L 195, 19. 7. 1984, p. 34.

ANNEX

1. Annex I huwa mibdul b'dan li ġej:

“Annex I

ĦTIĠIET MINIMI TAS-SUQ GĦALL-KONI TAL-HOPS

Karatteristiċi	Deskrizzjoni	Kontenut massimu (% ta' piż)	
		Hops maħdum	Hops mhux maħdum
(a) Umdità	Kontenut ta' ilma	12	14
(b) Weraq u zkuk	Biċċiet ta' weraq minn <i>tendrils</i> tal-friegħi, <i>tendrils</i> tal-friegħi, <i>Strigs</i> tal-weraq jew tal-konu; biex jitqiesu bħala zkuk li <i>strigs</i> tal-konu jridu jkunu ta' l-anqas twal 2.5 cm	6	6
(ċ) Skart tal-ħops	Biċċiet żgħar bħala riżultat tal-ħsad bil-makkinarju, li jvarjaw fil-kulur bejn aħdar skur u iswed u ġeneralment mhux mill-konu	3	4
(d) Fil-każ ta' 'ħops bla żerriegħa', żerriegħa	Frott misjur tal-konu	2	2"

2. Taqsima 1 ta' Ċ f'Annex II hija mibdula b'dan li ġej:

“1. Riżoluzzjoni fuq il-kontenut ta' weraq, zkuk u skart

Għarbel ħames kampjuni ta' 100 gramma bl-użu ta' għarbiel ta' 2mm. Iġbor il-lupulin, l-iskart u ż-żerriegħa u agħżel iż-żerriegħa bl-idejn. Poġġi l-kampjuni f'ġenb. Qiegħed il-kontenut ta' l-għarbiel ta' 2 mm fl-għarbiel ta' l-10 mm u erġa' għarbel.

Il-koni tal-ħops, il-weraq, iz-zkuk u l-materja estranja jinġabru bl-idejn mill-għarbiel filwaqt li weraq tal-koni, żerriegħa, skart tal-lupulin u xi zkuk tal-weraq jgħaddu mill-għarbiel. Dan kollu jingħażel bl-idejn u jiġi maqsum fil-gruppi li ġejjin:

1. Weraq u zkuk,
2. Hops (weraq tal-konu, koni tal-ħops u lupulin),
3. Skart,
4. Żrieragħ.

L-iskart u l-lupulin ma jistgħux jiġu separati. Il-perċentwali relattiv ta' kull wieħed għandu għaldaqshekk ikun stmat permezz ta' stima oġġettiva tal-kulur, u l-piż ikun kalkulat fuq is-suppożizzjoni li d-densità tagħhom hija identika.

Il-gruppi varji jiġu miżuna u l-perċentwali li kull grupp jirrappreżenta fil-piż tal-kampjun oriġinali jiġi stabbilit.”